# TONI BAJJADA

## GRAJJA TA' MALTA

Miktub Poeżija minn

A. CARUANA

Stampat għand:
LOMBARDI'S PRESS — SLIEMA

# Toni Bajjada

Sew tmintax il-sena kelli
meta għall-baħar kont tħajjart,
b'dan il-ħsieb għedt il-missieri
għalkemm qatt ma kont baħħart.

Għedtlu rrid naħdem għal Malta
għal din l-art li twelidt fiha,
missieri issa mur sib l-ommi
u dix-xewqa lilha wriha.

Għal dal-ħsieb missieri beka
iżda jien bqajt bil-kuraġġ,
għalhekk l-għada kmieni kmieni
tlaqt għax-xatt ma' l-ewwel raġġ.

Kif kont miexi b'sorra f'idi,
nilmaħ xbejba tħares lejja,
din staqsietni fejn kont sejjer
jien kont pront erfajt għajnejja.

Lilha għedt li ser insiefer
u bqajt miexi għax-xatt dritt
tlajt fuq xini, l-kaptan għedtlu
li nimbarka kieku ridt.

Il-kaptan ħa grazzja miegħi
miegħu żammni fil-mument,
minnufih jien bdejt inxammar
u l-ħidma bdejt kuntent.

Dak inhar ix-xini sifret,
jien ferħan sejjer intir,
spiss ma' l-arbli bdejt nixxabbat
għaliex baħri ridt insir.

Għal xahrejn fil-baħar domna
biex niltaqgħu ma' l għedewwa
konna kważi ser nintilfu
oh! x'tempesta tatna ġewwa.

Kif konna bl-ankri mitfugħa
qrib ta' l-art kulħadd mistrieħ,
jiena kont bil-pipa f'ħalqi
naħseb f'Malta u f'niesi sħieħ.

Dak il-ħin ilmaħt il-għadu
—Qumu, l-aħwa—għajjat jien
minnufih kulħadd mar floku
bla ma tlifna l-ebda żmien.

Konna ħamsa u tletin wieħed
huma wieħed u sebgħin,
jiena fraħt l-għaliex kont ili
għassa tagħhom fuq xahrejn

Bdejna gwerra l-aktar ħarxa
minna baqgħu mejtin tnax,
x'uħud oħra t-tieħdu rsiera
kif ridt qalbi ma naqtax ?

Iżda x'ħin rajta mirbuħa
fuq ix-xini torka tlajt,
bin-nar f'idi lejn il-porvli
jiena rsaqt u lilu tajt.

Qbist il-baħar biex insalva
ix-xini saret elf biċċa,
Viva San Grabiel evviva
viva Malta, il-biża' spiċċa.

Tistgħu taħsbu x'ferħa kienet
x'ħin lill tagħna jien salvajt,
daru miegħi bdew jgħanquni
malli mill-baħar jiena tlajt.

L-aħwa nfittxu mmorru Malta,
lilhom għedt dak il-mument
fis kulħadd kien sema' minni
u għal hawn tornajt kuntent.

Dak il ħin ilmaħt fil baħar
tork waħdu abbandunat
qalli: "Għaraftek kelb nisrani
għedtlu "oqgħod, mut hemm fgat."

Kif konna tornajna Malta,
lis Sultan ġejt ippreżentat,
hekk kif rani feraħ bija
b'ħilti baqa' wisq skantat.

Minn hemm tlaqt għal ġon-Naxxar
u nsib folla tistennieni
daru miegħi, ferħu bija,
bdew ibusuni kulħadd ħieni.

Fosthom jien ilmaħt lil Rosi
wiċċha aħmar bħal pepprin,
"ersaq Ros, kellimni kelma"
jien għedtilha dak il-ħin.

"Alla jibgħatielek tajba"
qaltli Rosi fil-mument,
dal-kelmiet ħassejthom balzmu
u rrendewni wisq kuntent.

Jien bqajt naħseb dejjem f'Rosi
ħassejt lejha kbira mħabba,
rajtha wisq miġbuda lejja,
għalkemm wiċċha kien jittabba.

Jiena u hi bqajna ninħabbu,
sa tgħarrasna lil xulxin,
sa l-akkordju bdejna nlestu
għat-tieġ tagħna fl-istess ħin.

Kienet waslet il-ġurnata
destinata għat-tieġ tagħna,
il-mistednin kienu nġabru
ferħanin iduru magħna.

Kif konna lesti għall-knisja
Ġwanni ġie ħabbat il-bieb,
ġie għalija biex insiefru
minnufiħ bla ebda ħsieb.

Dak il-ħin għadni niftakar,
kienet qamet frattarija,
ommi tibki, Rosi għaxja,
mistednin iduru bija.

Ton ma tmurx, bdew igħiduli
issa kompli f'dil funzjoni,
jien għedtilhom "għal darb'oħra"
nissuktaw dil-kummissjoni.

Ġwann kien għadu jistennieni,
jien miegħu tlajt għax-xatt,
għal maħbuba Malta tiegħi
ħallejt jibki lil kulħadd.

Sew nofs siegħa fuq li wasalna,
fuq ix-xini li kont jien,
mal kaptan tlaqna l barra
mingħajr l'ebda telf ta' żmien.

Hekk kif konna f'sema u ilma
nilmħu l-għadu lejna ġej
ħdax il-xini kellhom huma
u aħna ma kelniex ħlief tnejn.

Jien qbadt it-tmun f'idejja
lestejt ruħi għar-rambaġġ,
sħabi kollha wiċċhom isfar
ħadd ma kellu iżjed kuraġġ.

L-Amirall fuq il-Kaptana
"l-aħwa qal aħna t-traduti
"ej nagħtu rwieħna b'mirbuħa
"ma niġux le avveluti.

Le—weġibtu jien bil-qilla
elf mewt iva jasar qatt,
iżda l-ftit li konna msejkna
fil-jasar waqa kulħadd.

Hemm trid tara lili msejkna
b'katina ħoxna marbut,
oh kemm bkejt lill-Malta tagħna
x'ħin fid-dlam jien ġejt mixħut.

Jumejn wara f'Barbarija
lilna ħadu tellifin
lis-sultan ippreżentawna
b'dawk il-ktajjen marbutin.

Ma baqax x'jagħmluli t-torok
fuqi xeħtu kull kefrija,
saħansitra b'xabla qatgħu
lil widinti x-xellugija.

Ġewwa ħabs mudlam xeħtuni
hemm bdejt norqod biss fuq l-art,
bdew jagħtuni ħobs mill-iswed
oħ jaħasra kemm inħqart.

Oħ maħbuba Malta tiegħi,
f'liema stat jien ġejt għalik
hawn magħluq f'din id-dbatija,
ma nistax niddefendik.

Erba' snin domt f'dan il-jasar
kont naħdem f'ġnien is-sultan
għodwa waħda sid l-irsiera
lilna ħa għax-xogħol daħqan.

Kif konna ħdejn xatt il-baħar
jien f'Malta erġajt ftakart,
xtaqt insir għasfur u niġi
kont xebgħan minn kemm inħqart.

Fassalt f'rasi li rrid naħrab
u kif naħrab naħseb bdejt
bil-katina ma' riġlejja
piena kbira erġajt ħassejt.

Iżda x-xorti ffavorietni
il-għaliex f'ħin il-mistrieħ
sidna poġġa għal taħt siġra
u x'ħin għajnu marret bih.

Jiena lejh ersaqt bir-roda
iċ-ċavetta fis sraqtielu
ħallejt il-katina tiegħi
u ma' riġlu jien qfiltielu.

Kif dan kollu jien għamilt
fis kont pront inxħet il-baħar
u bil-għawm għal fuq id-dgħajsa
kont pront mort biex le ninħaqar.

Fis l imqadef qbadt f'idejja
u bdejt naqdef bla mistrieħ
ħdax il-jum jien domt nitħabat
mal-maltemp ix-xemx u r-riħ.

Iżda x'ħin ilmaħt lill-Malta
oh! x'kuraġġ fija ħassejt
kif minn fuqi tar kull biża'
x'fatta kull dbatija nsejt.

Kif missejt il-blat tal-Marfa
pront inżilt fuq irkuptejja
bdejt lis Sema nirringrazzja
bid-dmugħ nieżel minn għajnejja.

Kif hemmekk jien ilmaħt tifel
lilu bgħadt bil-bxara tiegħi
l-ommi, Rosi, u l-missieri
sabiex jiġu jduru miegħi.

Ma kellix sabar nistenna
wara ftit tlaqt għan-Naxxar
fejn sibt lill Pietru u l-Basilju
mill-oħrajn ma kontx naf x'sar.

Dawn għanquni u biesuni
kulħadd jiġri jifraħ bija
imma ommi u Rosi fejnhom
jien għedt dina x'biċċa hija.

Dak il-ħin ġie Dovik ħdejja
qalli tieħodiex bi kbira
ftakar tant li kellek xorti
li erġajt ġejtna ġo dil-gżira.

Rosi ħarġet darba m'ommok
u sal-lum ma sibnijiex
kullimkien morna nfittxuha
ma fadalx fejn ma dornix !

Ibni kompla jgħid missieri,
hekk mis Sema għoġbu jsir,
barra t-telfa minn ta' Rosi
sibna l-ommok mgħarrqa f'bir

Oh smewwiet xi pwieni dawna
għajjat jiena fil-mument,
aħjar bqajt f'dak l-aħrax jasar
flok sofrejt dan it-turment.

Wara ftit nilmaħ lil Żuta
ġej tarparsi jifraħ bija
jien għaraftu qalbi ħabbtet
fiħ waħħalt dik il-kefrija.

Dana kien dak li stess bniedem
li mill-baħar lili hedded,
għaldaqstant il-pwieni tiegħi
hekk kif rajtu bdejt inġedded.

Dan l-infami kellu l-ħila
għax taparsi tgħammed kien
fuqi jitfa l-qilla tiegħu
u jidħaq bin-Naxxarin.

Jien żammejtu mala parti
mill-ewwel sigħa li rajtu
għalkemm kellu fama tajba
jiena qatt ma naf li fdajtu.

Wasal Mejju, ġew it-torok,
sabiex magħna jagħmlu gwerra,
dak in-nhar lil Hamid Zuta
magħhom jien rajtu jiġġerra.

Eh ja nfami, għedtlu f'qalbi
f'qasir żmien inħallsek jien
mur tibżax, miegħi tiltaqa
imqər fl-aħrax tal-widien.

La Vallette kellu bżonn bniedem
biex b'messaġġ l-Imdina jmur
għal dax-xogħol jien offrejt ruħi
għax kont naf li naqdih żgur.

F'dan il-kors għaraft lil Ġanni
dak il-baħri li kien miegħi,
dana ġie mjassar mit-torok
lilu għarraftu bil-biċċa tiegħi.

Żuta bin il-ġeneral,
dana qalli minnufih
ser jitilqu għall-Madliena
itlaq... mur Ton bla mistrieħ.

Minnufih jien mort il-Birgu
tlabt għajnuna lis-Sultan
u kif dana tani karta
għall-Imdina tlaqt ferħan.

Hemmhekk sibt Kavallerija
miegħi ħadthom għal Madliena,
tlaqna mlebbta u kif wasalna
ħtafna t-torok mingħajr ħniena.

Hemmhekk sibt lill-kiefer Żuta
qed jistraxxna 'l Rosi tiegħi,
pront ix-xabla ħadtlu mn'idu
u lil Rosi ħaddant miegħi.

Għall-Imdina lilhom ħadna
fost l-insulti u t-tgħajjir
dak inhar kienet Vittorja
għal Maltin kien wisq ferħ kbir

Hamid Żuta fis ġie mgħallaq
f'nofs il pjazza tas-Saqqajja,
jien u Rosi għat-tieġ morna
u hekk temmejna din il-ġrajja.

TMIEM

CORDINA'S EMPORIUM
7, MERCHANTS STREET
VALLETTA
(TEL. 24323)